Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/70

24.1.2025

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/70

tal-21 ta' Novembru 2024

li jemenda r-Regolament ta' Delega (UE) 2015/1829 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1144/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni rigward prodotti agrikoli

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1144/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni rigward prodotti agrikoli implimentati fis-suq intern u f'pajjiżi terzi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2), l-Artikolu 13(1), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 15(8) tiegħu,

Billi:

(1) Abbażi tal-esperjenza miksuba matul l-implimentazzjoni tal-programmi tal-forniment ta' informazzjoni u ta' promozzjoni dwar il-prodotti agrikoli, sar evidenti li l-korpi tas-settur agroalimentari fdati, mill-Istat Membru kkonċernat, b'missjoni ta' servizz pubbliku ddefinita b'mod ċar biex tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-prodotti agrikoli u biex dawn il-prodotti jiġu promossi, jitqiesu bħala rappreżentattivi tas-setturi kkonċernati mill-programm. Għalhekk, l-Artikolu 1(1)(d) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1829 ([2]), li jirrikjedi li l-korpi tas-settur agroalimentari juru r-rappreżentattività tas-setturi b'mezzi oħra għajr l-inkarigu ta' missjoni ta' servizz pubbliku ddefinita b'mod ċar biex tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-prodott agrikolu u biex dan il-prodott jiġi promoss, kif meħtieġ mill-Artikolu 7(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 1144/2014, ma għadux meħtieġ.

(2) Il-kundizzjonijiet li skonthom l-organizzazzjonijiet proponenti jistgħu jressqu proposta għal programm ta' informazzjoni u ta' promozzjoni dwar il-prodotti agrikoli jenħtieġ li jinkoraġġixxu aċċess wiesa' mill-organizzazzjonijiet proponenti. Dawk il-kundizzjonijiet jenħtieġ li jiżguraw ukoll li l-organizzazzjonijiet proponenti ma jirċevux appoġġ għal aktar minn żewġ programmi ta' informazzjoni u ta' promozzjoni dwar l-istess prodott jew skema, imwettqa fit-territorju tal-istess pajjiż fil-mira, jew f'parti minnu, jew konsekuttivament jew b'mod parallel. Għal dan l-għan, jenħtieġ li tiġi emendata r-regola li tipprojbixxi lil xi organizzazzjoni milli tirċievi appoġġ għall-istess programm ta' informazzjoni u ta' promozzjoni mwettaq fl-istess suq ġeografiku għal aktar minn żewġ okkażjonijiet konsekuttivi, li tinsab fl-Artikolu 1(4) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/1829.

(3) Abbażi tal-esperjenza miksuba matul l-implimentazzjoni tal-programmi ta' informazzjoni u ta' promozzjoni dwar il-prodotti agrikoli, jenħtieġ li jissaħħu l-kundizzjonijiet għall-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess. Għalhekk, l-organizzazzjonijiet proponenti jenħtieġ li jkunu meħtieġa jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda kunflitt ta' interess matul it-tħejjija tal-proposta mressqa għall-evalwazzjoni skont l-Artikolu 11 u l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1144/2014 kif ukoll matul l-implimentazzjoni ta' programm.

(4) Barra minn hekk, bl-għan li tissaħħaħ il-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess, il-kundizzjonijiet li jirregolaw il-proċeduri kompetittivi għall-għażla tal-korpi ta' implimentazzjoni jenħtieġ li jkunu jeżiġu li l-organizzazzjonijiet proponenti jinfurmaw lill-Istati Membri dwar il-miżuri meħuda biex tissaħħaħ aktar l-għażla imparzjali u oġġettiva tal-korpi responsabbli mill-implimentazzjoni ta' programmi sempliċi.

([1]) ĠU L 317, 4.11.2014, p. 56, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/1144/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1829 tat-23 ta' April 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1144/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni rigward prodotti agrikoli implimentati fis-suq intern u f'pajjiżi terzi (ĠU L 266, 13.10.2015, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2015/1829/oj).

(5) Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/1829, l-għotjiet iridu jieħdu l-forma ta' rimborż tal-kostijiet eliġibbli effettivament imġarrba mill-organizzazzjoni proponenti. Sabiex ikun hemm simplifikazzjoni u jitnaqqas il-piż amministrattiv fil-ġestjoni finanzjarja tal-programmi, jenħtieġ li f'dak l-Artikolu jiġi introdott metodu alternattiv biex jiġu kkalkulati l-kostijiet eliġibbli abbażi tal-ammonti stabbiliti permezz ta' somom f'daqqa.

(6) Jenħtieġ li r-Regolament ta' Delega (UE) 2015/1829 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Delega (UE) 2015/1829 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1 jitħassar il-punt (d);

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Bl-eċċezzjoni tal-programmi mwettqa biex jerġgħu jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet normali tas-suq f'każ ta' tfixkil serju fis-suq, telf ta' kunfidenza tal-konsumatur jew problemi speċifiċi oħra, organizzazzjoni proponenti ma għandhiex tirċievi appoġġ għal aktar minn żewġ programmi ta' informazzjoni u ta' promozzjoni dwar l-istess prodott jew skema, imwettqa b'mod parallel jew konsekuttivament fit-territorju tal-istess pajjiż fil-mira jew f'parti minnu. Wara li tkun irċeviet appoġġ għal żewġ programmi ta' informazzjoni u ta' promozzjoni mwettqa b'mod parallel jew konsekuttivament fuq l-istess prodott jew skema, l-organizzazzjoni proponenti tista' tirċievi appoġġ għall-programmi ta' informazzjoni u ta' promozzjoni biss meta jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-organizzazzjoni proponenti tapplika għal programm ġdid wara t-tmiem tal-implimentazzjoni tal-programmi preċedenti; kif ukoll

(ii) id-data tal-bidu tal-implimentazzjoni tal-programm il-ġdid għandha tkun mill-inqas 12-il xahar wara t-tmiem tal-implimentazzjoni tal-programmi preċedenti.

Għall-fini tal-ewwel subparagrafu, żewġ programmi ta' informazzjoni u ta' promozzjoni jitwettqu b'mod parallel meta l-perjodi ta' implimentazzjoni tagħhom jikkoinċidu kompletament jew parzjalment, u jitwettqu konsekuttivament meta l-implimentazzjoni tat-tieni programm tkun bdiet inqas minn 12-il xahar wara t-tmiem tal-implimentazzjoni tal-ewwel programm.";

(c) jiżdied il-paragrafu 5:

"5. L-organizzazzjoni proponenti għandha tiżgura li ma jkun hemm l-ebda kunflitt ta' interess matul it-tħejjija ta' proposta mressqa għall-evalwazzjoni skont l-Artikolu 11 u l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1144/2014 kif ukoll matul l-implimentazzjoni tal-programm.";

(2) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-organizzazzjonijiet proponenti jridu jagħżlu korpi responsabbli mill-implimentazzjoni ta' programmi sempliċi li jiżguraw l-aħjar valur għall-flus u li ma jkun hemm l-ebda kunflitt ta' interess. B'hekk, l-organizzazzjonijiet proponenti jridu jieħdu l-miżuri kollha, anke matul it-tħejjija tal-proposta, biex jevitaw kull sitwazzjoni fejn l-implimentazzjoni imparzjali u oġġettiva tal-programm tkun kompromessa għal raġunijiet li jinvolvu l-interess ekonomiku, l-affinità politika jew nazzjonali, ir-rabtiet familjali jew emozzjonali, jew kwalunkwe interess komuni ieħor.

L-organizzazzjonijiet proponenti għandhom jinfurmaw lill-Istati Membri dwar il-miżuri meħuda biex jiżguraw l-aħjar valur għall-flus meta jiġu biex jagħżlu l-korpi responsabbli mill-implimentazzjoni ta' programmi sempliċi u biex jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda kunflitt ta' interess, qabel il-konklużjoni tal-kuntratti għall-implimentazzjoni tal-programmi sempliċi.";

(3) l-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1 jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-kriterji indikati fil-punti (a) u (d) ta' dak is-subparagrafu ma għandhomx japplikaw għas-somom f'daqqa.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-kriterji indikati fil-punti (b), (c), (e) u (f) ta' dak is-subparagrafu għandhom japplikaw għas-somom f'daqqa għall-fini tal-evalwazzjoni tal-proposti skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 1144/2014.";

(b) jiżdiedu l-paragrafi 4 u 5 li ġejjin:

"4. Is-sejħa għall-proposti msemmija fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 1144/2014 għandha tispeċifika liem forma ta' għotja hija meqjusa eliġibbli għall-finanzjament tal-Unjoni minn dawn li ġejjin:

(a) ir-rimborż tal-kostijiet eliġibbli effettivament imġarrba minn benefiċjarju matul l-implimentazzjoni tal-programm, minbarra l-kostijiet relatati mar-rapporti finali u mal-evalwazzjoni kif ukoll ir-rimborż tal-kostijiet eliġibbli indiretti kif imsemmi fil-paragrafu 3;

(b) somom f'daqqa.

5. L-organizzazzjoni proponenti għandha tistabbilixxi l-ammonti għall-għotja msemmija fil-paragrafu 4(b) b'wieħed mill-modi li ġejjin:

(a) metodu ta' kalkolu ġust, ekwu u verifikabbli bbażat fuq:

(i) *data* statistika, informazzjoni oġġettiva oħra jew ġudizzju espert;

(ii) *data* storika vverifikata tal-benefiċjarji individwali; jew

(iii) l-applikazzjoni tal-prattiki kontabilistiċi normali tal-kostijiet tal-benefiċjarji individwali;

(b) f'konformità mar-regoli għall-applikazzjoni ta' somom f'daqqa korrispondenti applikabbli fil-politiki tal-Unjoni għal attivitajiet simili;

(c) f'konformità mar-regoli għall-applikazzjoni ta' somom f'daqqa korrispondenti applikati fl-ambitu ta' skemi għal għotjiet iffinanzjati kompletament mill-Istat Membru għal attivitajiet simili.".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Novembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN